MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 500/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited u**
**dawn bhala agenti ta' AXA Insurance Plc**
**gja Guardian Royal Exchange Assurance Plc,**
**kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet**

**Vs**

**Raymond Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm534.00c (hames mija u erbgha u tletin lira Maltin) bhala danni wara incident ta' traffiku.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut sostna li ma kienx responsabbli ghal incident u minghajr pregudizzju li t-talba hija ecessiva stante li l-hsarat huma ferm inqas minn dawk attwalment indikati.

Ra l-Kontro-Talba fejn il-konvenut John Bonello gie mitlub ihallas Lm260.09c (mitejn u sittin lira Maltin u disgha centezmi) bhala danni kkagunati fl-istess incident.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li ma kienx responsabbli ghal habta.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra li l-attur qal li kien wieqaf u l-konvenut irriversja ghal go fih.

L-attur qal li qabel l-incident ma kienx ra l-karozza tal-konvenut. John Bonello qal li ma kienx ra reverse lights qabel l-incident. Qabel il-habta l-attur kien qed ihares fuq il-lemin tieghu.

Meta spjega dak li gara lil Pulizija l-attur qal:
"John Bonello stated that he was driving car no. CAT 376 near the Tower Palace Hotel situated at Triq it-Torri, Sliema. Then the taxi was reversed and the impact occurred".

Il-konvenut qal li kien se jipparkja fejn il-Tower Palace Hotel xeghel l-indicator u naqqas l-ispeed. X'hin ghamel hekk il-vettura l-ohra dahlet go fih minn wara. Il-konvenut qal li fil-hin tal-incident kien ghadu qed jimxi l-quddiem.

Illi meta tkellem mal-Pulizija l-konvenut qal:

"he was driving …near the tower Palace Hotel…he was going to part the taxi. He had the indicator on and he almost entered in the parking space when the impact occurred."

Illi l-attur jallega li l-konvenut kellu tort f'dan l-incident izda fil-fatt ma kienx ra lil karozza tal-konvenut qabel il-habta. L-attur jghid li l-konvenut rriversja ghal go fih izda jekk l-attur kien qed ihares fuq il-lemin u ma ra ebda reverse lights ma jistax jinghad li l-attur irnexxilu jipprova li l-konvenut kien qed jirriversja u kellu tort. L-attur qal: "Ma

stajtx nara jekk kienx hemm reverse lights ghaliex qabel il-habta kont qed inhares fuq il-lemin tieghi".

Ghalhekk it-talba attrici hi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Illi dwar il-Kontro-talba tal-konvenut jirrizulta li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-attur kien responsabbli ghal incident. Illi huwa veru li l-konvenut qal li kien miexi l-quddiem u l-attur habat go fih minn wara izda l-attur qal li kien wieqaf u l-konvenut irriversja ghal go fih. Illi ma hemmx bizzejjed evidenza biex it-Tribunal jikkonkludi li l-attur kellu tort. Ghalhekk jichad il-Kontro-Talba bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------